

Brussell, 22 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11674/26
ADD 1

FREMP 239
JAI 965
AG 114
POLGEN 189

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 900 annex
Suġġett:	ANNESSI tal- KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Rapport tal-2026 dwar l-Istat tad-Dritt Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż l-anness tad-dokument COM(2026) 900 final.

Mehmuż: COM(2026) 900 final ANNEX



Brussell, 17.7.2026
COM(2026) 900 final

ANNEX

ANNESI

tal-

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Rapport tal-2026 dwar l-Istat tad-Dritt

Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea

{SWD(2026) 901 final}	- {SWD(2026) 902 final}	- {SWD(2026) 903 final}	-
{SWD(2026) 904 final}	- {SWD(2026) 905 final}	- {SWD(2026) 906 final}	-
{SWD(2026) 907 final}	- {SWD(2026) 908 final}	- {SWD(2026) 909 final}	-
{SWD(2026) 910 final}	- {SWD(2026) 911 final}	- {SWD(2026) 912 final}	-
{SWD(2026) 913 final}	- {SWD(2026) 914 final}	- {SWD(2026) 915 final}	-
{SWD(2026) 916 final}	- {SWD(2026) 917 final}	- {SWD(2026) 918 final}	-
{SWD(2026) 919 final}	- {SWD(2026) 920 final}	- {SWD(2026) 921 final}	-
{SWD(2026) 922 final}	- {SWD(2026) 923 final}	- {SWD(2026) 924 final}	-
{SWD(2026) 925 final}	- {SWD(2026) 926 final}	- {SWD(2026) 927 final}	-
{SWD(2026) 928 final}	- {SWD(2026) 929 final}	- {SWD(2026) 930 final}	-
	{SWD(2026) 931 final}		

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-BELĠJU

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar xi progress ulterjuri fuq ir-rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet strutturali fir-riżorsi fis-sistema tal-ġustizzja, inkluż pjan għal riżorsi finanzjarji addizzjonali. Fl-istess ħin sar progress limitat biex tittejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti. Peress li għad fadal xogħol xi jsir, huwa rrakkomandat li l-Belġju *jkompli bl-isforzi li għaddejjin biex jindirizza n-nuqqasijiet strutturali fir-riżorsi fis-sistema tal-ġustizzja u biex iżid l-isforzi li għaddejjin biex tittejjeb kemm l-effiċjenza kif ukoll id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, b'mod partikolari bil-ħsieb li jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti, abbażi ta' data statistika komprensiva.*
- Ma sar l-ebda progress fuq it-tlestija tar-riforma leġiżlattiva dwar il-lobbjar, li tistabbilixxi qafas li jinkludi reġistru ta' trasparenza u impronta leġiżlattiva, li tkopri kemm il-membri tal-Parlament kif ukoll il-Gvern. Peress li ma ttehed l-ebda pass biex dan jitmexxa 'l quddiem, huwa rrakkomandat li l-Belġju *jerġa' jibda x-xogħol fuq riforma leġiżlattiva biex tiżdied it-trasparenza tal-lobbjar kemm għall-membri tal-Parlament kif ukoll għall-Gvern.*
- Sar progress limitat fit-tisħiħ tal-qafas tal-integrità billi ġew adottati regoli dwar rigali u benefiċċji għall-membri tal-Parlament peress li għad hemm nuqqas ta' gwida konkreta għall-membri tal-Parlament dwar x'tip ta' rigali jkunu aċċettabbli u ma sar l-ebda progress fl-adozzjoni ta' regoli dwar revolving doors għall-membri tal-Gvern u l-uffiċċji privati tagħhom. Peress li dawn il-lakuni fir-regoli tal-integrità għadhom ma ġewx indirizzati, huwa rrakkomandat li l-Belġju *jsaħħaħ il-qafas tal-integrità, inkluż billi jadotta regoli dwar rigali u benefiċċji għall-membri tal-Parlament u regoli dwar revolving doors għall-membri tal-Gvern u tal-uffiċċji privati tagħhom.*
- Ma sar l-ebda progress ulterjuri fit-tisħiħ tal-qafas għall-aċċess għal dokumenti uffiċjali, b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-proċessi ta' talba u appell, bl-abbozzi ta' leġiżlazzjoni rilevanti għadhom qed jistennu li jiġu adottati u parti mill-qafas leġiżlattiv eżistenti għadha qed tistenna li tiġi implimentata. Għalhekk huwa rrakkomandat li l-Belġju *jkompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ il-qafas għall-aċċess għal dokumenti uffiċjali, b'mod partikolari billi jtejjeb il-proċessi ta' talba u appell, billi jlesti r-riforma leġiżlattiva dwar din il-kwistjoni, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali.*
- Sar progress limitat biex tiġi żgurata l-konformità mill-awtoritajiet pubbliċi mad-deċiżjonijiet finali tal-qrati nazzjonali u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Filwaqt li l-Belġju jkompli jinvolvi ruħu fil-proċess ta' eżekuzzjoni, għad hemm sentenzi li għadhom ma ġewx implimentati u għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Belġju *jżid l-isforzi biex jiżgura konformità mill-awtoritajiet pubbliċi mad-deċiżjonijiet finali tal-qrati nazzjonali u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-BULGARIJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar l-effettività tal-miżuri kontra l-korruzzjoni inkluż l-indipendenza u l-funzjonament effettiv tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, u l-indipendenza u l-funzjonament tar-regolaturi, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Ma sar l-ebda progress biex il-qafas leġiżlattiv jiġi adattat bil-għan li jiġi evitat is-sekondament fit-tul tal-imħallfin biex jimtlew pożizzjonijiet vakanti, peress li l-użu mifrux tas-sekondamenti jkompli jqajjem tħassib. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Bulgarija tieħu passi biex tadatta l-qafas leġiżlattiv rilevanti biex tevita s-sekondament fit-tul tal-imħallfin biex jimtlew pożizzjonijiet vakanti, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar is-sekondament tal-imħallfin.
- Ma sar l-ebda progress biex jerġa' jinbeda l-proċess għar-riforma tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Peress li l-kompożizzjoni tibqa' l-istess u ma ġie ppreżentat l-ebda abbozz ta' liġi, huwa rakkomandat li l-Bulgarija tirriforma l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, b'mod partikolari l-kompożizzjoni tiegħu, biex tiżgura l-indipendenza u l-effettività tiegħu, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-Kunsilli għall-Ġudikatura.
- Ma sar l-ebda progress biex jiġi żgurat rekord robust ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Bulgarija tieħu miżuri biex tiżgura rekord robust ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi finali f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli.
- Sar xi progress ulterjuri biex tiġi żgurata l-prestazzjoni effettiva tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni permezz tal-adozzjoni ta' liġi ġdida li tistabbilixxiha mill-ġdid u tintroduċi proċedura ġdida għall-ħatra tat-tmexxija tagħha. Għalhekk huwa rakkomandat li l-Bulgarija tiżgura l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni sabiex tippermetti t-tweqqif tal-funzjonijiet preventivi u investigattivi tagħha.
- Sar progress limitat fit-titjib tal-integrità tal-funzjonijiet eżekuttivi għoljin, hekk kif tħejja abbozz ta' kodiċi ta' kondotta. Peress li l-emendi leġiżlattivi relatati għadhom pendent, huwa rakkomandat li l-Bulgarija tkompli bl-isforzi biex issaħħaħ l-integrità tal-funzjonijiet eżekuttivi għoljin, b'kont meħud tal-istandards Ewropej, b'mod partikolari billi tiżgura li jkun hemm standards ċari ta' integrità għall-Gvern kif ukoll mekkaniżmu xieraq ta' sanzjonar.
- Ma sar l-ebda progress biex tittejjeb il-kwalità tal-proċess leġiżlattiv, peress li l-implimentazzjoni Prattika tar-regoli parlamentari għat-tfassil tal-liġijiet tkompli tqajjem xi tħassib. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Bulgarija ssaħħaħ il-kwalità tal-proċess leġiżlattiv billi tiżgura l-użu ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u valutazzjonijiet tal-impatt għal inizzjattivi leġiżlattivi mill-Parlament.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- il-Parlament adotta r-riforma leġiżlattiva bil-għan li jittejjeb il-funzjonament tal-Ispettorat għall-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u jiġi evitat ir-riskju ta' influwenza politika. Is-salvagwardja preeżistenti ta' maġġoranza ta' żewġ terzi, u r-rwol miżjud ġdid tal-imħallfin, il-prosekuturi u l-maġistrati investigattivi fil-ħatra tal-membri tal-Ispettorat tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (ISJC) jindirizzaw it-tħassib marbut mar-riskju ta' influwenza politika fl-ISJC. Għalhekk, ir-rakkomandazzjoni hija implimentata bis-sħiħ.
- Sar xi progress fit-tlestija tax-xogħol immirat lejn it-titjib tat-trasparenza fl-allokazzjoni tar-reklamar mill-Istat, b'mod partikolari fir-rigward tar-reklamar mill-Istat ikkuntrattat permezz ta' intermedjarji, bħal aġenziji tal-media, hekk kif il-proċess leġiżlattiv avvanza. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u se jkompli jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u l-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAĊ'-ĊEKJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Hekk kif l-isforzi biex is-sistema tal-ġustizzja tiġi diġitalizzata ulterjorment komplew jiffaċċjaw dewmien, huwa rrakkomandat li *ċ-Ċekja tавvanza d-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja, b'mod partikolari billi tħaddem is-sistema elettronika tad-dokumenti.*
- Sar xi progress ulterjuri fit-teħid ta' miżuri ulterjuri biex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti u biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-investigazzjoni u tal-prosekuzzjoni f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli hekk kif ittieħdu passi biex jittejjbu l-aspetti proċedurali u biex jissoktaw l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet, inkluż f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Madankollu, peress li t-tul medju ta' tali proċedimenti għadu problema, huwa rrakkomandat li *ċ-Ċekja tieħu miżuri ulterjuri biex tnaqqas it-tul tal-proċedimenti u tiżgura l-indipendenza tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, inkluż billi tirrifirma l-proċedura kriminali.*
- Ma sar l-ebda progress fit-teħid ta' miżuri ulterjuri biex jissaħħaħ il-qafas tal-integrità għall-membri kollha tal-Parlament, peress li ma sarux avvanzi ulterjuri fil-qafas tal-integrità tal-Parlament. Peress li għad hemm lakuni fir-regoli dwar ir-revolving doors għall-maġġoranza tal-uffiċjali pubbliċi, huwa rrakkomandat li *ċ-Ċekja tieħu miżuri ulterjuri biex issaħħaħ il-qafas tal-integrità, b'mod partikolari billi tikkomplementa r-regoli eżistenti fir-rigward tar-revolving doors.*
- Ma sar l-ebda progress dwar il-bidu mill-ġdid tar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kunflitti ta' interess, inkluż fir-rigward tas-sjieda benefiċjarja peress li ma ttieħed l-ebda pass. Għalhekk, huwa rrakkomandat li *ċ-Ċekja terġa' tibda r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-kunflitti ta' interess, inkluż fir-rigward tas-sjieda benefiċjarja.*
- Peress li l-użu ta' proċeduri leġiżlattivi li jevitaw l-involviment tal-pubbliku u tal-partijiet ikkonċernati, ir-rieżami interdepartimentali u l-valutazzjoni tal-impatt saru aktar frekwenti, huwa rrakkomandat li *ċ-Ċekja tieħu miżuri biex ittejjeb it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv u l-konsultazzjoni sinifikanti tal-partijiet ikkonċernati, inkluż billi tindirizza l-użu frekwenti ta' proċedura rapida u l-prattika ta' dispożizzjonijiet addizzjonali.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Ma sar l-ebda progress dwar riformi ulterjuri relatati mat-trasparenza tal-informazzjoni dwar is-sjieda tal-media peress li l-abbozz ta' leġiżlazzjoni għadu pendenti fil-parlament u l-ebda reġistru ta' trasparenza kompletament funzjonali ma ġie stabbilit formalment. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u se jkompli jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u l-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAD-DANIMARKA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li jitqiesu żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress limitat fuq ir-rakkomandazzjoni biex jiġi ffinalizzat ir-rieżami tas-sistema tal-ġhajjnuna legali, hekk kif il-Kunsill Ġudizzjarju jkompli bil-ħidma tiegħu. Għalhekk huwa rrakkomandat li d-Danimarka *żżid l-isforzi biex tlesti dan ir-rieżami, filwaqt li tqis l-istandards Ewropej dwar l-ġhajjnuna legali.*
- Ma sar l-ebda progress biex jiġu introdotti regoli dwar “revolving doors” għall-Ministri u dwar il-lobbjar u biex jiġi żgurat kontroll adegwat tad-dikjarazzjonijiet tal-assi sottomessi minn persuni fdati b'karigi eżekuttivi għoljin, mingħajr l-ebda pjan biex jiġu introdotti tali regoli u lanqas biex jittejjeb il-kontroll tad-dikjarazzjonijiet tal-assi. Għalhekk, huwa rrakkomandat li d-Danimarka *tintroduċi regoli dwar “revolving doors” għall-Ministri u dwar il-lobbjar u tiżgura kontroll adegwat tad-dikjarazzjonijiet tal-assi sottomessi minn persuni fdati b'karigi eżekuttivi għoljin.*
- Sar xi progress ulterjuri fuq ir-rakkomandazzjoni biex titmexxa 'l quddiem ir-riforma tal-Att dwar l-Aċċess għad-Dokumenti Amministrattivi Pubbliċi hekk kif il-kumitat tal-esperti kompli bix-xogħol tiegħu fir-rigward ta' tali riforma, iżda għadha ma ġiet ippreżentata l-ebda proposta leġiżlattiva. Għalhekk, huwa rrakkomandat li d-Danimarka *żżid l-isforzi biex timxi 'l quddiem bir-riforma tal-Att dwar l-Aċċess għad-Dokumenti Amministrattivi Pubbliċi, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali.*

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-ĠERMANJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, u meta jitqiesu żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress sinifikanti ulterjuri fiż-żieda tar-riżorsi tal-ġudikatura u fl-indirizzar tal-isfidi fir-reklutaġġ, permezz tal-Patt il-ġdid għall-Istat tad-Dritt u kampanja konġunta biex jiġi attirat persunal kwalifikat. Biex jiġu indirizzati l-isfidi li fadal, huwa rakkomandat li l-Ġermanja *tmexxi 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-Patt għall-Istat tad-Dritt fir-rigward kemm tar-riżorsi umani kif ukoll tad-diġitalizzazzjoni u tkompli tiegħu miżuri biex tindirizza l-isfidi fir-reklutaġġ, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar ir-riżorsi għas-sistema tal-ġustizzja.*
- Ma sar l-ebda progress biex jiżdiedu l-isforzi biex tissaħħaħ l-“impronta leġiżlattiva” biex jiġi pprovdut rekord pubbliku komprensiv biex jiġi rreġistrat l-input tal-lobbjar u biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni għall-fażi parlamentari tal-proċedura leġiżlattiva. Peress li għad hemm lakuni, huwa rakkomandat li l-Ġermanja *żżid l-isforzi biex tipprovdri rekord pubbliku komprensiv tal-input tal-lobbjar fil-proċess leġiżlattiv.*
- Ma sar l-ebda progress ulterjuri biex tinholq bażi legali għad-dritt għall-informazzjoni tal-istampa fir-rigward tal-awtoritajiet federali, peress li t-tnejniet interni ma tkomplewx. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Ġermanja *tavvanza bil-ħolqien ta' bażi legali għal dritt għall-informazzjoni tal-istampa fir-rigward tal-awtoritajiet federali, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali.*
- Ma sar l-ebda progress biex jiġi adattat l-istatus ta' eżenzjoni mit-taxxa għal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, li għadu jaffettwa lis-soċjetà ċivili fil-prattika. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Ġermanja *tiegħu passi biex tadatta l-istatus ta' eżenzjoni mit-taxxa għal organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ bil-għan li tindirizza l-isfidi li r-regoli applikabbli bħalissa jippreżentaw għall-operat tal-organizzazzjonijiet fil-prattika, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-finanzjament għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.*

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-ESTONJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, u meta tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress limitat biex jitkomplew l-isforzi biex jiġi riformat il-Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Qrati. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Estonja *tieħu passi biex tadatta l-kompożizzjoni tal-Kunsill għall-Amministrazzjoni tal-Qrati, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-Kunsilli għall-Ġudikatura.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Ir-rakkomandazzjoni biex isir progress ulterjuri fl-isforzi biex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u effettiva tad-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali ġiet implimentata bis-sħiħ, billi r-riforma tal-Att dwar l-Infurmazzjoni Pubblika se ttejjeb l-aċċess għal data miftuħa u l-użu mill-ġdid tagħha.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-IRLANDA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, u meta tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar xi progress ulterjuri fit-tnaqqis tal-ispejjeż tal-litigazzjoni, hekk kif ġiet ippreżentata l-Iskema Ġenerali tal-Abbozz ta' Liġi dwar ir-Riforma Ċivili li tintroduċi diversi riformi ewlenin immirati lejn it-tnaqqis tal-kostijiet tal-litigazzjoni. Peress li r-riforma għad trid tiġi adottata, huwa rrakkomandat li l-Irlanda *tiffinalizza x-xogħol leġiżlattiv immirat lejn it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-litigazzjoni biex tiżgura aċċess effettiv għall-ġustizzja, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-kostijiet sproporzjonati tal-litigazzjoni u l-impatt tagħhom fuq l-aċċess għall-qradi*.
- Sar progress ulterjuri limitat biex jissaħħaħ il-qafas tal-etika eżistenti u biex tissaħħaħ u tiġi diġitalizzata s-sistema tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, bl-isforzi biex tinbeda d-diġitalizzazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-assi jiġu kkunsidrati fil-qafas kurrenti. Peress li l-“Abbozz ta' Liġi dwar ir-Riforma tal-Etika” għadu qed jiġi jtejjja u d-diġitalizzazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-assi skont il-qafas kurrenti għad trid tiġi implimentata, huwa rrakkomandat li l-Irlanda *tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-qafas tal-etika eżistenti, inkluż il-kapaċità ta' monitoraġġ u ta' infurzar tal-Kummissjoni għall-Istandards fl-Uffiċċju Pubbliku, u li ssaħħaħ u tiddiġitalizza s-sistema tad-dikjarazzjonijiet tal-assi*.
- Sar progress limitat fl-indirizzar tal-ostakli ġuridiċi relatati mal-aċċess għall-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, hekk kif il-Kummissjoni Elettorali tkompli twestaq rieżami komprensiv tal-Att Elettorali tal-1997. Huwa rrakkomandat li l-Irlanda *tkompli bl-isforzi li għaddejjin biex tindirizza l-isfidi legali rigward l-aċċess għall-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bħala parti mir-riforma usa' tal-Att Elettorali*.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar progress sinifikanti fit-tlestija tar-riforma biex jiġi pprovdut finanzjament għall-media tas-servizz pubbliku li huwa xieraq għat-twettiq tal-mandat tas-servizz pubbliku tagħha filwaqt li tiġi garantita l-indipendenza tagħha, fid-dawl tal-adozzjoni tal-Abbozz ta' Liġi dwar ix-Xandir (Emenda). Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u se jkompli jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-infurzar tal-EMFA.
- Ir-rakkomandazzjoni dwar il-finalizzazzjoni tar-riforma tal-Att dwar il-Malafama biex jittejjeb l-ambjent professjonali għall-ġurnalisti b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti ġiet implimentata bis-sħiħ, fid-dawl tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni meħtieġa.

RAKKOMANDAZZJONIJIET LILL-GREĊJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress limitat fl-istabbiliment ta' rekord robust ta' prosekuzzjonijiet u ta' sentenzi finali f'każijiet ta' korruzzjoni, peress li l-qafas legali għal reġistru diġitali ta' każijiet ta' korruzzjoni ġie stabbilit u r-reġistru huwa mistenni li jkun operazzjonali fl-1 ta' Jannar 2027; madankollu, peress li l-għadd ta' prosekuzzjonijiet u ta' sentenzi finali f'każijiet ta' korruzzjoni, inkluż korruzzjoni ta' livell għoli, għadu baxx, huwa rrakkomandat li l-Greċja *tkompli bl-isforzi biex tistabbilixxi rekord robust ta' prosekuzzjonijiet u ta' sentenzi finali f'każijiet ta' korruzzjoni, inkluż korruzzjoni ta' livell għoli.*
- Kien hemm biss progress limitat fit-titjib tal-qafas tal-lobbjar, peress li ma ġiet adottata l-ebda leġiżlazzjoni li tespandi d-definizzjoni ta' lobbist filwaqt il-miżuri ta' implimentazzjoni u l-kampanja ta' sensibilizzazzjoni għadhom għaddejjin. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Greċja *ttejjeb il-qafas tal-lobbjar, inkluż billi tirrieżamina d-definizzjoni ta' lobbist u tiżgura implimentazzjoni effettiva.*
- Sar xi progress ulterjuri fit-tisħiħ tas-salvagwardji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex jittejbu s-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kawżi abbużivi, hekk kif ittieħdu miżuri addizzjonali u hekk kif qiegħed jiġi ffinalizzat abbozz ta' leġiżlazzjoni kontra l-kawża strateġika kontra l-parteciġazzjoni pubblika (SLAPP). Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Greċja *tlesti x-xogħol fuq it-tisħiħ tas-salvagwardji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex ittejjeb is-sikurezza u l-protezzjoni tal-ġurnalisti, b'mod partikolari fir-rigward ta' kawżi abbużivi, f'konformità mal-Memorandum ta' Ftehim adottat u b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti.*
- Sar xi progress ulterjuri fl-iżvilupp ta' djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs), u fis-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni bil-għan li jinżamm qafas miftuħ għalihom biex joperaw, peress li tqiegħdet il-qafas għal djalogu strutturat mas-CSOs u ttieħdu xi passi biex jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni u biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri. Peress li d-djalogu strutturat għadu ma sarx regolari u sostnut u l-qafas ta' reġistrazzjoni għadu frammentat, huwa rrakkomandat li l-Greċja *tintensifika l-isforzi biex tikkonsolida djalogu strutturat regolari u sostnut mas-CSOs, u biex tissimplifika r-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni bil-għan li żżomm qafas miftuħ għalihom biex joperaw.*

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL SPANJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar xi progress ulterjuri fl-adattament tal-proċedura għall-ħatra tal-Kunsill għall-imħallfin-membri tal-Ġudikatura, peress li l-Kunsill kiseb gwida mill-Kummissjoni ta' Venezja, iżda ma nstab l-ebda kunsens dwar il-finalizzazzjoni tal-proċess. Peress li għad trid tiġi adottata riforma, huwa rrakkomandat li Spanja *tmexxi 'l quddiem il-proċess ta' adattament tal-proċedura tal-ħatra tal-imħallfin-membri tal-Kunsill għall-Ġudikatura, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-Kunsilli għall-Ġudikatura, inkluża l-gwida tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar kif tittejjeb is-sistema kurrenti.*
- Sar progress sinifikanti biex jissaħħa l-istatut tal-Prosekutur Ġenerali, hekk kif riforma tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali qed tiġi diskussa fil-Parlament. Peress li r-riforma għad trid tiġi adottata, huwa rrakkomandat li Spanja *tkompli bl-isforzi li għaddejjin biex issaħħa l-istatut tal-Prosekutur Ġenerali, b'mod partikolari rigward is-separazzjoni tal-mandati tal-Prosekutur Ġenerali minn dawk tal-Gvern, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-indipendenza u l-awtonomija tal-prosekuzzjoni.*
- Sar xi progress biex jiġi indirizzat it-tul tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli minħabba sforzi biex jiżdied il-persunal u minħabba r-riforma ppreżentata tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Peress li għad fadal sfidi u l-abbozz ta' leġislazzjoni biex tiżdied l-effiċjenza għadu qiegħed jiġi diskuss fil-Parlament, huwa rrakkomandat li Spanja *tmexxi 'l quddiem il-proċess leġislattiv biex tirrevedi l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali biex issaħħa il-qafas għall-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, bil-għan li tnaqqas id-dewmien.*
- Sar progress limitat biex jissaħħu r-regoli dwar il-kunflitti ta' interess u d-dikjarazzjonijiet tal-assi ta' persuni f'karigi eżekuttivi għoljin. Minħabba li l-abbozz tal-Liġi Organika dwar l-Integrità Pubblika ġie ppreżentat u l-Pjan Statali Kontra l-Korruzzjoni ġie adottat, iżda l-implimentazzjoni Prattika tar-regoli eżistenti ma tjebitx, huwa rrakkomandat li Spanja *tmexxi 'l quddiem il-proċess leġislattiv biex issaħħa ir-regoli dwar il-kunflitti ta' interess u d-dikjarazzjonijiet tal-assi ta' persuni b'karigi eżekuttivi għoljin, u tiżgura l-indipendenza u s-setgħat effettivi ta' detezzjoni u ta' sanzjonar tal-korp superviżorju kompetenti.*
- Sar progress limitat dwar il-lobbjar, peress li l-abbozz ta' Liġi dwar it-Trasparenza u l-Integrità tal-Attivitajiet tal-Gruppi ta' Interess għadu ma ġiex adottat mill-Parlament. Huwa rrakkomandat li Spanja *tkompli bil-proċedura li għaddejjja biex tadotta leġislazzjoni dwar il-lobbjar, inkluż l-istabbiliment ta' reġistru pubbliku obbligatorju tal-lobbisti.*
- Sar progress sinifikanti fit-tisħiħ tal-aċċess għall-informazzjoni, b'mod partikolari permezz tar-reviżjoni tal-Liġi dwar is-Sigrietà Uffiċjali. Għalhekk, huwa rrakkomandat li Spanja *tlesti x-xogħol fuq it-tisħiħ tal-aċċess għall-informazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni tal-Liġi dwar is-Sigrietà Uffiċjali u l-Liġi dwar l-Amministrazzjoni Miftuħa, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali.*

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL FRANZA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, u meta tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar xi progress ulterjuri fid-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri ġudizzjarji. Peress li dan il-proċess iffaċċja xi dewmien, huwa rrakkomandat li Franza *żżid l-isforzi biex tlesti l-proġetti li għaddejjin li għandhom l-għan li jiddiġitalizzaw il-proċedimenti tal-qorti ċivili u kriminali.*
- Sar xi progress ulterjuri rigward ir-rakkomandazzjoni dwar il-lobbjar, b'mod partikolari permezz tat-tisħiħ tal-qafas ta' trasparenza dwar attivitajiet ta' influwenza barranija. Peress li l-obbligu li jiġu żvelati l-attivitajiet ta' lobbjar japplika biss għar-rappreżentanti tal-interessi, huwa rrakkomandat li Franza *tkompli bl-isforzi biex tiżgura t-trasparenza tal-attivitajiet ta' lobbjar billi testendi l-ambitu tal-obbligu ta' żvelar; b'mod partikolari għall-uffiċjali fil-livell eżekuttiv għoli.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar xi progress ulterjuri biex tittejjeb it-trasparenza tas-sjieda tal-media, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' bażi tad-data preliminari tat-trasparenza mir-regolatur tal-media. L-implimentazzjoni sħiħa tagħha tibqa' tiddependi fuq l-adozzjoni tal-miżuri leġiżlattivi meħtieġa. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u l-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-KROAZJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar xi progress fir-rigward tar-rakkomandazzjoni biex titjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja, partikolarment fir-rigward tat-tul tal-proċedimenti f'kawżi kummerċjali u ċivili kontenzjużi peress li x-xogħol totali b'lura kompli jonqos, filwaqt li t-tul tal-proċedimenti għadu ta' tħassib serju. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Kroazja *jkompli l-isforzi biex ittejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja, inkluż billi tintroduċi riformi fil-ġestjoni tal-kawżi, f'kawżi kummerċjali u ċivili kontenzjużi.*
- Sar progress sinifikanti bil-għan li tiżdied ulterjorment l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni, hekk kif il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u l-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat u l-Liġi dwar l-Uffiċċju għat-Trażżin tal-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata daħlu fis-seħħ. Peress li l-effetti fil-prattika għad iridu jimmaterjalizzaw ruħhom, huwa rakkomandat li l-Kroazja *tieħu miżuri biex tiżviluppa ulterjorment rekord ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi finali effettivi f'każijiet ta' korruzzjoni, inkluż korruzzjoni ta' livell għoli, inkluż billi ttejjeb ulterjorment il-kapaċitajiet tekniċi speċjalizzati.*
- Peress li r-rati ta' kontroll tad-dikjarazzjonijiet tal-assi għadhom baxxi minħabba strutturi tad-data mhux konsistenti u inkomparabbli li jipprevjenu l-analiżi bil-magni, huwa rakkomandat li l-Kroazja *żżid l-isforzi ta' diġitalizzazzjoni biex tiżgura verifika effettiva u sistematika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi.*
- Sar xi progress ulterjuri biex tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteeipazzjoni pubblika mmirati lejn il-ġurnalisti, fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Involuti f'Attivitajiet Pubbliċi, filwaqt li għad hemm sfidi. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Kroazja *twessa' l-firxa ta' salvagwardji disponibbli biex ittejjeb il-protezzjoni tal-ġurnalisti, inkluż billi tirrieżamina d-dispożizzjonijiet legali dwar il-malafama u thegġegħ użu usa' ta' regoli proċedurali li jippermettu t-twaqqiġ ta' kawżi bla bażi, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar xi progress biex jissaħħa il-qafas legali u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza biex tiġi żgurata allokazżjoni ġusta u trasparenti ta' reklamar mill-Istat fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, inkluża l-proċedura ta' sejħa għall-offerti pubblika, hekk kif il-leġiżlazzjoni ġiet emendata, filwaqt li l-gwida operazzjonali li għandha tiġi adottata mir-regolatur tal-media għadha pendent. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u se jkompli jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-ITALJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress sinifikanti ulterjuri fit-tlestija tas-sistema diġitali tal-ġestjoni tal-każijiet għall-qrati kriminali u għall-uffiċċji tal-prosekuturi, peress li l-fluss tax-xogħol tal-proċessi kriminali tal-prim istanza issa huwa kompletament diġitalizzat. Peress li xi proċeduri għad iridu jiġu diġitalizzati, huwa rrakkomandat li l-Italja *tlesti s-sistema diġitali tal-ġestjoni tal-kawżi fil-kawżi kollha*.
- Ma sar l-ebda progress ulterjuri dwar il-proposta leġiżlattiva pendenti dwar il-kunflitti ta' interess filwaqt li sar progress limitat fl-adozzjoni ta' regoli komprensivi dwar il-lobbjar biex jiġi stabbilit reġistru operazzjonali tal-lobbjar hekk kif abbozz ta' liġi dwar il-lobbjar ġie adottat fil-Kamra tad-Deputati u qed jiġi vvalutat mis-Senat. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Italja *tmexxi 'l quddiem l-isforzi leġiżlattivi biex tirregola sistematikament il-kunflitti ta' interess u tadotta regoli komprensivi dwar il-lobbjar u tistabbilixxi reġistru operazzjonali tal-lobbjar*.
- Ma kien hemm l-ebda progress biex tiġi indirizzata l-prattika li d-donazzjonijiet jiġu mgħoddija permezz ta' fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet politiċi u jiġi introdott reġistru elettroniku uniku għall-informazzjoni dwar il-finanzjament tal-partiti u tal-kampanji, peress li l-abbozzi ta' liġijiet imressqa fil-Parlament għadhom ma ġewx diskussi. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Italja *taċċellera l-isforzi biex tindirizza l-prattika li d-donazzjonijiet jiġu mgħoddija permezz ta' fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet politiċi u tintroduċi reġistru elettroniku uniku għall-informazzjoni dwar il-finanzjament tal-partiti u tal-kampanji elettorali*.
- Ma sar l-ebda progress fil-proċess leġiżlattiv dwar l-abbozz ta' riforma dwar il-malafama, il-protezzjoni tas-segretezza professjonali u s-sorsi ġurnalistiċi. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Italja *tmexxi 'l quddiem ir-riforma dwar il-malafama filwaqt li tiggarantixxi l-libertà tal-istampa, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti*.
- Sar progress limitat biex tiġi stabbilita Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, hekk kif ittiedu passi inizjali biex titnieda mill-ġdid l-inizjattiva filwaqt li diversi abbozzi ta' liġijiet għadhom pendenti fil-Parlament. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Italja *tistabbilixxi Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem b'kont meħud tal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU*.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar xi progress ulterjuri biex jiġi żgurat li jkun hemm regoli jew mekkaniżmi fis-seħħ biex jipprovdu finanzjament għall-media tas-servizz pubbliku li jkun xieraq għat-twettiq tal-mandat tas-servizz pubbliku tagħha u biex jiggarantixxu l-indipendenza tagħha, hekk kif il-ħidma parlamentari fuq abbozz ta' liġi ta' riforma avvanzat. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat

segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u l-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL ĊIPRU

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress limitat ulterjuri fir-riforma tal-Uffiċċju Legali u fl-istabbiliment ta' rieżami effettiv tad-deċiżjonijiet li ma ssirx prosekuzzjoni jew li jitwaqqfu l-proċedimenti. Peress li l-abbozz ta' leġiżlazzjoni rilevanti għadu pendent quddiem il-Parlament, huwa rrakkomandat li Ċipru *jiffinalizza r-riforma li għaddejjja tal-Uffiċċju Legali u l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ġenerali u li jistabbilixxi rieżami effettiv tad-deċiżjonijiet li ma jsirx prosekuzzjoni jew li jitwaqqfu l-proċedimenti, inkluż għal reati mingħajr vittmi, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-indipendenza u l-awtonomija tal-prosekuzzjoni.*
- Id-durata tal-proċedimenti fil-qorti tibqa' ta' tħassib serju u l-istabbiliment ta' Servizz tal-Qorti indipendenti biex jissimplifika l-amministrazzjoni tal-qorti qed jiffaċċja dewmien. Huwa rrakkomandat li Ċipru *jmexxi 'l quddiem pjanijiet biex jistabbilixxi Servizz tal-Qorti indipendenti bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja.*
- Sar progress sinifikanti fir-riforma leġiżlattiva biex tissaħħaħ l-Awtorità Indipendenti kontra l-Korruzzjoni (IAAC) u biex jiġi żgurat li jkollha r-riżorsi umani u tekniċi biex twettaq il-kompitu tagħha b'mod effettiv, hekk kif ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida dwar ir-reklutaġġi. Biex tiġi żgurata IAAC kompletament effettiva, għadhom meħtieġa miżuri ulterjuri. Biex jiġi indirizzat dan, huwa rrakkomandat li Ċipru *jtejjeb l-effettività operazzjonali tal-IAAC.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar xi progress biex (i) tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta u trasparenti tan-nefqa fuq ir-reklamar mill-istat u mill-kumpaniji tal-istat u (ii) biex jissaħħu r-regoli u l-mekkaniżmi biex tissaħħaħ il-governanza indipendenti tal-media tas-servizz pubbliku, hekk kif tressaq abbozz ta' leġiżlazzjoni. Minħabba li s-suġġetti ta' dawn iż-żewġ rakkomandazzjonijiet huma koperti minn dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja l-iżviluppi sinifikanti u se jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u mill-infurzar tal-EMFA.
- Sar progress sinifikanti fl-introduzzjoni ta' salvagwardji fil-proċedura tal-ħatra għall-Awditur Ġenerali u għad-Deputat Awditur Ġenerali biex tissaħħaħ l-indipendenza tagħhom, bl-istabbiliment ta' mandat ta' 8 snin fiss, li ma jiġġeddidx u bi kriterji ta' kwalifika aktar stretti għall-ħatra tagħhom. Il-monitoraġġ ta' żviluppi ulterjuri f'dan il-qasam se jkompli fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL-LATVJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, u minbarra li tfakkar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar xi progress biex jiġu żgurati salvagwardji adegwati kontra influwenza politika mhux xierqa fil-proċedura tal-ħatra għall-imħallfin tal-Qorti Suprema, peress li ġie ppubblikat abbozz ta' liġi li jippermetti li jiġu kkontestati deċiżjonijiet parlamentari li jiċħdu kandidat u dan ġie ppreżentat lill-Parlament għall-konsiderazzjoni. Peress li r-riforma għad trid tiġi adottata, huwa rrakkomandat li l-Latvja *tmexxi 'l quddiem il-proċess leġiżlattiv biex tiżgura salvagwardji adegwati kontra influwenza politika mhux xierqa fil-proċedura tal-ħatra għall-imħallfin tal-Qorti Suprema, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-ħatriet ġudizzjarji.*
- Sar progress limitat biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar il-lobbjar, hekk kif ġiet stabbilita lista temporanja volontarja ta' rappreżentanti ta' interess. Peress li l-istabbiliment tar-Reġistru dedikat għar-Rappreżentazzjoni tal-Interessi ġie ttardjat u l-informazzjoni disponibbli pubblikament għadha limitata, huwa rrakkomandat li l-Latvja *tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar il-lobbjar, inkluż fir-rigward tar-reġistru interim speċjali tal-lobbjar.*

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL-LITWANJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, u meta tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress limitat biex titmexxa 'l quddiem ir-riforma tas-sistemi tal-ġajnuna legali, hekk kif id-diskussjonijiet dwar il-livell ta' remunerazzjoni tal-fornituri tal-ġajnuna legali ġew sospiżi u l-bidliet previsti biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-fornituri tal-ġajnuna legali huma ppjanati li jiġu mnedija fl-2026. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Litwanja *tiffinalizza r-riforma tas-sistema tal-ġajnuna legali, b'mod partikolari billi tiżgura kundizzjonijiet adegwati għall-parteċipazzjoni tal-fornituri tal-ġajnuna legali, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-ġajnuna legali.*
- Sar xi progress ulterjuri biex jiżdiedu l-isforzi biex tittejjeb it-trasparenza tas-sistema tal-ħatriet għal karigi ġudizzjarji, b'mod partikolari għall-Qorti Suprema, hekk kif il-grupp ta' ħidma inkarigat mill-proposta ta' bidliet possibbli fis-sistema ppreżenta l-konklużjonijiet tiegħu u qed jitħejjew emendi proposti. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Litwanja *żżid l-isforzi biex ittejjeb it-trasparenza tas-sistema tal-ħatriet għal karigi ġudizzjarji b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-ħatriet ġudizzjarji, b'mod partikolari billi ssegwi l-proposti mressqa mill-grupp ta' ħidma maħluq għal dan il-għan.*

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL-LUSSEMBURGU

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, u meta tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar xi progress ulterjuri fid-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti ċivili, kriminali u amministrattivi, hekk kif ġie stabbilit kumitat ta' ġestjoni biex jikkoordina l-inizjattivi ta' diġitalizzazzjoni u ġew stabbiliti u qed jiġu implimentati tragwardi għall-proċedimenti ċivili, kriminali u amministrattivi tal-qorti. Peress li huma meħtieġa passi addizzjonali għall-avvanz tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja, huwa rrakkomandat li l-Lussemburgu *jżid l-isforzi biex jiżviluppa ulterjorment id-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti ċivili, kriminali u amministrattivi.*
- Sar xi progress ulterjuri biex titlesta r-riforma tal-qafas legali għall-iżvelar ta' dokumenti uffiċjali, fid-dawl ta' xogħol leġiżlattiv ulterjuri dwar ir-riforma rilevanti. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Lussemburgu *jżid l-isforzi biex jiffinalizza r-riforma tal-qafas legali dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali, b'kont meħud tal-istandards Ewropej.*

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-UNGERIJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, meta wieħed iqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, u minbarra li tfakkar fl-obbligu li jkun hemm konformità mad-deċiżjonijiet relatati mal-istat tad-dritt tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u l-proċeduri ta' ksur relatati mal-istat tad-dritt imsemmija fil-kapitolu tal-pajjiż, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni taħt ir-reġim ġenerali tal-kundizzjonalità, it-tħassib rilevanti mqajjem fil-proċedura tal-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) mibdija mill-Parlament Ewropew, l-impenji rilevanti magħmula skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar it-tisħiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni u l-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Ma sar l-ebda progress fir-rigward tat-trasparenza tas-sistemi ta' allokkazzjoni tal-kawżi fil-qrati inferjuri, peress li l-gvern preċedenti llimita ruħu għall-indirizzar tan-nuqqasijiet fir-regoli dwar l-allokkazzjoni tal-kawżi fil-livell tal-*Kúria*. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Ungerija *ttejjeb it-trasparenza tas-sistemi ta' allokkazzjoni tal-kawżi fil-qrati ta' istanza inferjuri, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-allokkazzjoni tal-kawżi*.
- Għadu ma sar l-ebda progress ulterjuri biex jiġi żgurat li ż-żieda kontinwa fir-remunerazzjoni tal-imħallfin, tal-prosekuturi u tal-persunal ġudizzjarju u tal-prosekuzzjoni titwettaq b'mod strutturat. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Ungerija *tieħu miżuri biex tiżgura li ż-żieda kontinwa fir-remunerazzjoni tal-imħallfin, tal-prosekuturi u tal-persunal ġudizzjarju u tal-prosekuzzjoni titwettaq b'mod strutturat, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar ir-remunerazzjoni għas-sistema tal-ġustizzja*.
- Hekk kif ġiet adottata leġiżlazzjoni ġdida li tiżviluppa ulterjorment is-sistema tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, ir-rakkomandazzjoni biex ttejjeb ulterjorment is-sistema tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u biex jiġu previsti sorveljanza u infurzar effettivi ġiet implimentata bis-sħiħ. Għadu ma sar l-ebda progress dwar il-preżentazzjoni ta' riformi leġiżlattivi komprensivi dwar il-lobbjar u r-revolving doors. Peress li dawn il-lakuni fir-regoli tal-integrità għadhom ma ġewx indirizzati, huwa rrakkomandat li l-Ungerija *ssahhaq il-qafas tal-integrità billi tadotta riformi leġiżlattivi komprensivi dwar il-lobbjar u r-revolving doors*.
- Ma sar l-ebda progress dwar l-istabbiliment ta' rekord robust ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi finali għal każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, peress li l-bidliet pożittivi li nbdew reċentement fil-qafas kontra l-korruzzjoni għadhom ma daħlux fis-seħħ. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Ungerija *tieħu miżuri ulterjuri biex tiżgura rekord ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi finali għal każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli*.
- Sar xi progress biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda ostaklu li jfixkel il-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u biex jitrawwem spazju ċiviku sikur u abilitanti, peress li ttieħdu miżuri bħat-tneħħija tal-Uffiċċju għall-Protezzjoni tas-Sovranità, filwaqt li l-leġiżlazzjoni li xxekkel il-kapaċità tagħhom li jaħdmu ma ġietx revokata. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Ungerija *tkompli tiżgura li ma jkun hemm l-ebda ostaklu li jfixkel il-ħidma tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż billi tħassar leġiżlazzjoni li xxekkel il-kapaċità tagħhom li jaħdmu, u li tkompli trawwem spazju ċiviku sikur u abilitanti*.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar xi progress fl-introduzzjoni ta' mekkaniżmi biex tissaħħaħ l-indipendenza funzjonali tal-awtorità regolatorja tal-media b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-indipendenza tar-regolaturi tal-media, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni reċenti li introduċiet riformi f'dan il-qasam.
- Għad ma sar l-ebda progress biex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta u trasparenti tan-nefqa fuq ir-reklamar mill-Istat u mill-intrapriżi tal-Istat, peress li ma ġiet proposta l-ebda miżura leġiżlattiva jew ebda miżura oħra.
- Sar xi progress fit-tisħiħ tar-regoli u tal-mekkaniżmi biex tissaħħaħ il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-media tas-servizz pubbliku, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni reċenti li introduċiet riformi f'dan il-qasam.

Minħabba li s-suġġetti tat-tliet rakkomandazzjonijiet ta' hawn fuq huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u għall-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL MALTA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Ma sar l-ebda progress ulterjuri dwar ir-riforma mressqa biex il-ġudikatura tiġi involuta fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imħallef, hekk kif id-dibattitu politiku kompli. Peress li r-riforma għadha pendent, huwa rrakkomandat li Malta *tmexxi 'l quddiem ir-riformi bil-għan li tinvolvi l-ġudikatura fil-proċedura għall-ħatra tal-Prim Imħallef, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-ħatriet ġudizzjarji*.
- Ma sar l-ebda progress ulterjuri dwar iż-żieda fl-isforzi biex tittejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja, partikolarment biex jitnaqqas it-tul tal-proċedimenti, li għadu ta' tħassib. Għalhekk, huwa rrakkomandat li Malta *tmexxi 'l quddiem inizjattivi biex iżżid ir-riżorsi, tirriforma l-proċeduri tal-qorti, u tavvanza d-diġitalizzazzjoni bil-għan li ttejjeb l-effiċjenza tal-ġustizzja*.
- Sar progress limitat biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli, hekk kif il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali komplew iżidu r-riżorsi tagħhom u nedew investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet ġodda. Ma sar l-ebda progress biex jiġi stabbilit rekord robust ta' sentenzi finali minħabba l-ammont kbir ta' kawżi pendent fil-qorti, l-ammont ta' xogħol tal-imħallfin u t-tim limitat ta' erba' maġistrati li jitrattaw inkjesti preliminari. Għalhekk, huwa rrakkomandat li Malta *żżid l-isforzi biex tindirizza l-isfidi relatati mat-tul tal-investigazzjonijiet ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli, u li tistabbilixxi rekord robust ta' sentenzi finali*.
- Sar progress limitat fl-adozzjoni ta' salvagwardji leġiżlattivi ulterjuri u oħrajn biex jittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti, inkluż dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali, fid-dawl ta' konsultazzjoni pubblika li twettqet u sistema ta' ġestjoni elettronika li saret operazzjonali. Peress li l-isfidi jippersistu, huwa rrakkomandat li Malta *tadotta salvagwardji leġiżlattivi biex ittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti u l-aċċess għad-dokumenti, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u dwar l-aċċess għal dokumenti uffiċjali*.
- Sar progress limitat fl-introduzzjoni ta' qafas formali għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv, hekk kif il-Gvern stabbilixxa Dipartiment tal-Konsultazzjoni Pubblika. Peress li r-riformi leġiżlattivi għadhom pendent, huwa rrakkomandat li Malta *tintroduċi qafas formali għall-parteċipazzjoni pubblika fil-proċess leġiżlattiv*.
- Ma sar l-ebda progress biex jittieħdu miżuri biex tiġi stabbilita Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem b'kont meħud tal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU, peress li għadu qed jitħejja abbozz ta' liġi. Għalhekk, huwa rrakkomandat li Malta *tistabbilixxi Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem b'kont meħud tal-Prinċipji ta' Pariġi tan-NU*.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar xi progress fit-tisħiħ tar-regoli u tal-mekkaniżmi biex tittejjeb il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-media tas-servizz pubbliku, fid-dawl tal-promulgazzjoni ta' leġislazzjoni li tindirizza ċerti aspetti ta' din il-kwistjoni. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u l-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAN-NETHERLANDS

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, u meta tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress limitat biex jiġu stabbiliti regoli ta' trasparenza aktar stretti dwar il-lobbjar għall-membri tal-Gvern u l-Parlament, hekk kif il-Gvern ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jintroduċi reġistru ta' trasparenza. Huwa rrakkomandat li n-Netherlands *idagħhlu fis-seħħ dispożizzjonijiet leġiżlattivi biex jistabbilixxu regoli ta' trasparenza aktar stretti dwar il-lobbjar għall-membri tal-Gvern u tal-Parlament.*
- Sar xi progress biex titmexxa 'l quddiem ir-riforma ppjanata tal-media tas-servizz pubbliku biex tissaħħaħ il-governanza tagħha u l-abbiltà tagħha li żżomm l-istandards ġurnalistiċi, b'xogħol preparatorju għaddej għar-riforma tal-media tas-servizz pubbliku u b'abbozz ta' liġi dwar ix-xandara pubbliċi lokali li bħalissa jinsab quddiem il-Parlament. Minħabba li partijiet minn din ir-rakkomandazzjoni huma koperti minn dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u se jkompli jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u l-infurzar tal-EMFA. Fid-dawl ta' dan, huwa rrakkomandat li n-Netherlands *imexxu 'l quddiem il-ħidma tagħhom fir-rigward taż-żamma tal-istandards ġurnalistiċi mill-media tas-servizz pubbliku.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar progress sinifikanti fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-sistema tal-ġustizzja u fl-indirizzar tan-nuqqas ta' persunal hekk kif ġew magħmula disponibbli fondi addizzjonali u l-miżuri għat-tnaqqis tal-ammont ta' xogħol bdew jagħtu l-frott. Il-monitoraġġ ta' żviluppi ulterjuri f'dan il-qasam se jkompli fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.
- Sar xi progress ulterjuri fit-tmexxija 'l quddiem tal-proposti tal-Kummissjoni Statali dwar l-Istat tad-Dritt biex tissaħħaħ kultura tal-istat tad-dritt minħabba d-disponibbiltà ta' fondi addizzjonali u r-rieda li jtkompla d-djalogu bejn is-setgħat tal-istat. Il-monitoraġġ ta' żviluppi ulterjuri f'dan il-qasam se jkompli fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-AWSTRIJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, u meta tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Ma sar l-ebda progress biex tiġi indirizzata l-ħtieġa għall-involviment tal-ġudikatura fil-ħatra tal-(viċi)presidenti tal-qorti amministrattiva. Għalhekk, u fid-dawl tat-tħassib persistenti, huwa rrakkomandat li l-Awstrija *żżid l-isforzi biex tindirizza l-ħtieġa għall-involviment tal-ġudikatura fil-proċeduri għall-ħatra tal-presidenti tal-qorti amministrattiva, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-ħatriet ġudizzjarji u l-għażla tal-presidenti tal-qorti.*
- Sar xi progress fl-istabbiliment ta' Uffiċċju Federali tal-Prosekuzzjoni indipendenti, hekk kif ġie ppreżentat abbozz ta' riforma u dan ġie sottomess għal konsultazzjoni pubblika. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Awstrija *tmexxi 'l quddiem ir-riforma biex tistabbilixxi Uffiċċju Federali tal-Prosekuzzjoni indipendenti, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-indipendenza u l-awtonomija tal-prosekuzzjoni, inkluż biex tiżgura l-operat indipendenti tal-prosekuzzjoni speċjalizzata kontra l-korruzzjoni.*
- Ma sar l-ebda progress ulterjuri biex jiġu introdotti regoli dwar l-iżvelar tal-assi u l-interessi għall-Membri tal-Parlament peress li ma ttieħed l-ebda pass taħt il-perjodu leġiżlattiv il-ġdid biex din il-kwistjoni tavvanza mill-aħħar diskussjoni tal-gruppi parlamentari dwar l-introduzzjoni ta' tali regoli f'Mejju 2025. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Awstrija *tintroduċi regoli effettivi dwar id-dikjarazzjoni tal-assi u tal-interessi għall-Membri tal-Parlament, inklużi mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ u sanzjonar.*
- Ma sar l-ebda progress biex jissaħħaħ il-qafas tal-lobbjar peress li ma ttieħed l-ebda pass biex jiġi estiż l-ambitu tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-lobbjar u l-obbligi li l-informazzjoni tiġi kondiviża pubblikament fir-reġistru tat-trasparenza. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Awstrija *tadotta proposta leġiżlattiva biex issaħħaħ il-qafas dwar il-lobbjar, inkluż ir-reġistru tat-trasparenza.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar progress sinifikanti biex jittieħdu passi li jiżguraw implimentazzjoni u infurzar xierqa fir-rigward tad-distribuzzjoni ġusta tar-reklamar mill-istat, fid-dawl tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni u linji gwida tal-gvern li jirregolaw il-kwistjoni. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u se jkompli jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-POLONJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-obbligu ta' konformità mad-deċiżjonijiet relatati mal-istat tad-dritt tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE u l-proċedura ta' ksur relatata mal-istat tad-dritt imsemmija fil-kapitolu tal-pajjiż kif ukoll filwaqt li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar xi progress ulterjuri fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Istat tad-Dritt, inkluż fir-rigward tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura u t-Tribunal Kostituzzjonali, hekk kif il-Gvern kompli l-ħidma tiegħu fuq abbozzi ta' liġijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja, u hekk kif inħatru mħallfin-membri tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ġudikatura, inkluż fil-maġġoranza minn fost imħallfin magħżula minn qabel mill-pari tagħhom. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Polonja *tkompli bil-proċess tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni*.
- Sar progress ulterjuri limitat fuq ir-rakkomandazzjoni li titmexxa 'l quddiem ir-riforma biex tisepara l-uffiċċju tal-Ministru għall-Ġustizzja minn dak tal-Prosekutur Ġenerali u biex tiżgura l-indipendenza funzjonali tas-servizz tal-prosekuzzjoni mill-Gvern peress li progress ulterjuri issa jiddependi fuq xogħol leġiżlattiv li għaddej fir-rigward ta' dispożizzjonijiet ta' livell inferjuri li jaġġustaw il-funzjonament tal-unitajiet tal-prosekuzzjoni fis-sistema l-ġdida prevista. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Polonja *tmexxi 'l quddiem ir-riforma biex tisepara l-funzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja minn dik tal-Prosekutur Ġenerali u biex tiżgura l-indipendenza funzjonali tas-servizz tal-prosekuzzjoni mill-Gvern*.
- Ma sar l-ebda progress biex jiġu introdotti regoli dwar il-lobbjar, u sar progress limitat fuq sistema online standardizzata għad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi u l-membri tal-Parlament, peress li l-gvern ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jirrifirma s-sistema. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Polonja *tintroduċi regoli dwar il-lobbjar u sistema online standardizzata għad-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi u tal-membri tal-Parlament filwaqt li tiżgura verifika effettiva*.
- Sar xi progress ulterjuri biex jiġu żgurati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet indipendenti u effettivi dwar il-korruzzjoni, filwaqt li ma sar l-ebda progress biex jiġi indirizzat l-ambitu wiesa' tal-immunitajiet għall-eżekuttivi għoljin u jitneħħew il-klawżoli ta' impunità. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Polonja *tkompli bl-isforzi biex tiżgura investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet indipendenti u effettivi dwar il-korruzzjoni, tindirizza l-ambitu wiesa' ta' immunitajiet għall-eżekuttivi għoljin u tneħħi l-klawżoli ta' impunità biex tippermetti rekord robust ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli*.
- Sar xi progress ulterjuri biex jiġi żgurat li jiġu osservati proċeduri ġusti, trasparenti u mhux diskriminatorji għall-ġħoti ta' liċenzji operattivi lill-ħwienet tal-media, peress li ġie ppreżentat abbozz ta' liġi u dan għadda minn konsultazzjoni pubblika. Għalhekk, huwa rrakkomandat li l-Polonja *tkompli l-progress fuq dawn l-isforzi leġiżlattivi biex tiffinalizza r-riformi biex tiżgura li jiġu osservati proċeduri ġusti, trasparenti u mhux diskriminatorji għall-ġħoti ta' liċenzji operattivi lill-ħwienet tal-media*.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar xi progress ulterjuri fit-tmexxija 'l quddiem tar-riformi biex jiġi żgurat qafas leġiżlattiv effettiv għall-governanza indipendenti u għall-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku, peress li ġie ppreżentat abbozz ta' liġi u dan għadda minn konsultazzjoni pubblika. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u se jkompli jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-infurzar tal-EMFA.
- Sar xi progress ulterjuri biex jittejjeb il-qafas li fih topera s-soċjetà ċivili, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, hekk kif għaddej xogħol leġiżlattiv biex tiġi emendata l-liġi li tirregola l-attivitajiet ta' benefiċċju pubbliku u l-volontarjat. Il-monitoraġġ ta' żviluppi ulterjuri f'dan il-qasam se jkompli fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-PORTUGALL

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tfakkar fl-impenji rilevanti magħmula skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar l-effiċjenza tal-qrati amministrattivi u tat-taxxa, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Ma sar l-ebda progress ulterjuri biex tittejjeb l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, b'mod partikolari tal-Qrati Amministrattivi u tat-Taxxa, peress li l-effiċjenza ta' dawn il-qrati kompliet tiddeterjora. Għalhekk, anke fid-dawl tat-tħassib li l-kundizzjonijiet li qed jiddeterjoraw u s-sigurtà li qed tiddeterjora fil-qorti u fil-bini tal-prosekuzzjoni qed jaffettwaw il-funzjonament tal-qrati, huwa rakkomandat li l-Portugall *iżid l-isforzi biex itejjeb l-effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja, inkluż billi jiżgura infrastruttura u tagħmir adegwati fil-bini tal-qorti u tal-prosekuzzjoni.*
- Hekk kif l-isfidi jippersistu biex jiġi żgurat livell komprensiv ta' diġitalizzazzjoni, huwa rakkomandat li l-Portugall *jieħu passi ulterjuri biex itejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, inkluż billi jtejjeb il-pubblikazzjoni online u l-aċċessibbiltà diġitali tas-sentenzi u jindirizza l-problemi li jaffettwaw is-sistema tal-ġestjoni tal-każijiet.*
- Sar xi progress fir-regolamentazzjoni tal-lobbjar, hekk kif ġiet adottata liġi dwar il-lobbjar. Peress li huma meħtieġa passi ulterjuri ta' implimentazzjoni u għad irid jiġi stabbilit reġistru tal-lobbjar, huwa rakkomandat li l-Portugall *jiżgura l-ħolqien u l-operazzjonalizzazzjoni rapida tar-reġistru pubbliku tal-lobbjar, inkluż billi jipprovdi r-riżorsi meħtieġa għall-funzjonament effettiv tiegħu.*
- Sar xi progress lejn il-finalizzazzjoni tar-riformi biex titjeb it-trasparenza tat-tfassil tal-liġijiet, partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' għodod ta' valutazzjoni tal-impatt, hekk kif qed jiġu implimentati miżuri ġodda mill-Parlament, filwaqt li passi għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-“impronta leġiżlattiva” għadhom pendenti, u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-inizjattivi leġiżlattivi tal-Gvern u l-valutazzjonijiet tal-impatt *ex post* għadu limitat. Għalhekk, huwa rakkomandat li l-Portugall *itejjeb it-trasparenza tat-tfassil tal-liġijiet fil-livell tal-Gvern, partikolarment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-għodod tal-valutazzjoni tal-impatt.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar progress sinifikanti fit-teħid ta' miżuri biex tiġi żgurata l-adegwatezza tal-leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-proċedura kriminali biex tittratta b'mod effiċjenti proċedimenti kriminali kumplessi, hekk kif miżuri ġodda biex titjeb l-effiċjenza fi proċeduri kriminali kumplessi qed jiġu diskussi fil-Parlament. Il-monitoraġġ ta' żviluppi ulterjuri f'dan il-qasam se jkompli fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAR-RUMANIJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar il-prevedibbiltà u l-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Il-Liġijiet tal-Ġustizzja qed ikomplu jiġu implimentati u kkontribwew għat-titjib tal-qafas leġiżlattiv għall-indipendenza u għall-funzjonament tal-ġudikatura, filwaqt li riflessjoni dwar diversi aspetti relatati mal-ġudikatura ġiet sospiża wara deċiżjoni tal-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja. Għalhekk huwa rakkomandat li r-Rumanija *tmexxi 'l quddiem l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Liġijiet tal-Ġustizzja f'konsultazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż fir-rigward ta' miżuri biex jittejbu ulterjorment l-effettività u l-governanza tal-ġudikatura.*
- Għad ma sar l-ebda progress biex jissaħħu s-salvagwardji biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-prosekuturi ta' grad għoli u għall-organizzazzjoni u għall-funzjonament tal-pulizija ġudizzjarja, peress li r-riflessjoni dwar diversi aspetti relatati mal-ġudikatura ġiet sospiża. Għalhekk huwa rakkomandat li r-Rumanija *żżid il-ħidma leġiżlattiva biex issaħħaħ is-salvagwardji biex tiżgura l-indipendenza tal-prosekuturi ta' grad għoli u għall-organizzazzjoni u għall-funzjonament tal-pulizija ġudizzjarja.*
- Ma sar l-ebda progress ulterjuri biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta' reati ta' korruzzjoni fil-ġudikatura, peress li ma ttieħdet l-ebda miżura biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet li fadal. Huwa rakkomandat li r-Rumanija *tieħu miżuri biex tiżgura investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi ta' reati kriminali fil-ġudikatura, inkluż fir-rigward ta' reati ta' korruzzjoni.*
- Ir-rakkomandazzjoni li jiġu introdotti regoli dwar il-lobbjar għall-membri tal-Parlament ġiet implimentata bis-sħiħ hekk kif ġiet adottata liġi ġdida f'Novembru 2025 li tobbliga lid-deputati u lis-senaturi jirreġistraw laqgħat ma' partijiet terzi dwar inizzjattivi leġiżlattivi. Sar xi progress biex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi, b'abbozz ta' liġi li għandu l-għan li jaġġorna l-qafas legali eżistenti dwar l-integrità. Għalhekk, huwa rakkomandat li r-Rumanija *tlesti l-proċess leġiżlattiv biex tiżgura l-effettività tas-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi.*
- Sar xi progress ulterjuri dwar l-użu frekwenti tal-ordinanzi ta' emerġenza tal-gvern u konsultazzjonijiet pubbliċi effettivi, filwaqt li għad hemm għadd ta' nuqqasijiet fil-prattika. Għalhekk huwa rakkomandat li r-Rumanija *żżid l-isforzi biex tindirizza l-użu frekwenti tal-ordinanzi ta' emerġenza tal-gvern u biex tiżgura konsultazzjonijiet pubbliċi effettivi qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni.*
- Ma sar l-ebda progress dwar l-akkreditazzjoni tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, peress li deċiżjoni għadha pendenti, u l-Gvern ma solviex kwistjonijiet ta' konformità mal-Prinċipji ta' Pariġi ta' żewġ organizzazzjonijiet li ppropona bħala Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk huwa rakkomandat li r-Rumanija *tmexxi 'l quddiem il-proċess biex tikseb akkreditazzjoni għall-Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, b'kont meħud tal-Prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Uniti (NU).*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar progress limitat fit-tisħiħ tar-regoli u tal-mekkaniżmi biex tittejjeb il-governanza indipendenti u l-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku, fid-dawl tal-istabbiliment ta' grupp ta' ħidma interministerjali dwar il-kwistjoni. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u l-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAS-SLOVENJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fl-impenji rilevanti li saru skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress ulterjuri limitat biex jiġi żgurat rekord ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi finali f'reati ta' korruzzjoni, peress li r-riżultati għadhom modesti fl-investigazzjoni u moderati fil-prosekuzzjoni u fl-ilħuq ta' sentenzi finali, inkluż fir-rigward tal-korruzzjoni ta' livell għoli, għalkemm xi sforzi biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-uffiċċji tal-prosekuzzjoni tal-istat għadhom għaddejjin. Għalhekk, huwa rrakkomandat li s-Slovenja *tieħu miżuri ulterjuri biex tiżgura rekord ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u sentenzi finali f'reati ta' korruzzjoni, inkluż f'każijiet ta' livell għoli.*
- Sar xi progress ulterjuri biex isir progress ulterjuri fil-proċess tal-adozzjoni ta' salvagwardji leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi biex tittejjeb il-protezzjoni tal-ġurnalisti, hekk kif ġew adottati l-Att dwar Miżuri Protettivi kontra Kawżi Strateġiċi Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika u l-Att dwar il-Media, filwaqt li għad hemm sfidi. Għalhekk, huwa rrakkomandat li s-Slovenja *twessa' l-firxa ta' salvagwardji disponibbli biex ittejjeb il-protezzjoni tal-ġurnalisti, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar progress ulterjuri limitat fit-tlestija tar-riformi biex jiġi żgurat li r-regoli jew il-mekkaniżmi jkunu fis-seħħ biex jipprovdu finanzjament għall-media tas-servizz pubbliku li jkun xieraq għat-twettiq tal-mandat tas-servizz pubbliku tagħha filwaqt li tiġi garantita l-indipendenza tagħha, peress li l-isfidi finanzjarji tal-STA ġew indirizzati, filwaqt li daww tal-RTV tjebeu sa ċertu punt. Minħabba li s-suġġett ta' din ir-rakkomandazzjoni huwa kopert mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u se jkompli jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u l-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAS-SLOVAKKJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, meta tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza u minbarra li tiftakar fil-proċedura ta' ksur relatata mal-istat tad-dritt imsemmija fil-kapitolu tal-pajjiż, l-impenji rilevanti magħmula skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż skont is-Semestru Ewropew dwar is-sistema ġudizzjarja, inkluża l-indipendenza tagħha, u l-effettività tal-qafas kontra l-korruzzjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar xi progress fuq miżuri biex jiġu żgurati garanziji suffiċjenti ta' indipendenza fir-rigward tat-tkeċċija tal-membri tal-Kunsill Ġudizzjarju, hekk kif tħejjew abbozzi ta' emendi biex jindirizzaw il-kwistjoni tat-tkeċċija prematura tagħhom. Peress li l-proċess leġiżlattiv għadu għaddej, huwa rrakkomandat li s-Slovakkja *tkompli bir-riformi biex tiżgura garanziji suffiċjenti ta' indipendenza għall-Kunsill Ġudizzjarju, inkluż fir-rigward tat-tkeċċija tal-membri tiegħu, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-indipendenza tal-Kunsilli Ġudizzjarji.*
- Sar progress sinifikanti biex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji suffiċjenti u li dawn jiġu osservati meta l-imħallfin jiġu soġġetti għal responsabbiltà kriminali għal "abbuż tal-liġi" fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji tagħhom, hekk kif il-gvern talab opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar din il-kwistjoni. Wara din l-Opinjoni u l-bidliet approvati fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza Slovakk, il-Ministeru għall-Ġustizzja ppropona abbozz ta' liġi li jabolixxi dan ir-reat. Fid-dawl tal-aġġustamenti li saru fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tas-Slovakkja, huwa rrakkomandat li s-Slovakkja *tieħu l-passi meħtieġa biex tħassar ir-reat ta' "abbuż tal-liġi".*
- Ma sar l-ebda progress dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tal-korruzzjoni ta' livell għoli biex jiġi stabbilit rekord robust, peress li t-tħassib dwar il-qafas kontra l-korruzzjoni jippersisti u l-kapaċità li tiġi skoperta, investigata u titressaq quddiem il-qorti l-korruzzjoni fil-livelli għolja kompliet tiddeterjora. Minħabba tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' akkużi, atti tal-akkużi u kundanni f'każijiet ta' korruzzjoni u l-prattika kontinwa tal-Prosekutur Ġenerali li jannulla d-deċiżjonijiet finali tal-pulizija u tal-prosekuturi, huwa rrakkomandat li s-Slovakkja *tistabbilixxi rekord robust f'reati ta' korruzzjoni, b'mod partikolari f'każijiet ta' livell għoli, inkluż billi tipprevjeni kwalunkwe interferenza żejda u tirrestrinġi l-użu tas-setgħat tal-Prosekutur Ġenerali li jannulla d-deċiżjonijiet investigattivi u ta' prosekuzzjoni finali.*
- Sar progress limitat fir-regolamentazzjoni tal-attivitajiet ta' lobbjar, hekk kif ittieħdu passi inizjali fit-tħejjija ta' abbozz ta' liġi u sar xi progress ulterjuri għar-riforma tar-regoli dwar il-kunflitti ta' interess peress li ġie adottat kodiċi ta' kondotta mhux vinkolanti għal persuni b'karigi eżekuttivi għoljin kif ukoll kodiċi ta' kondotta għall-membri parlamentari. Madankollu, ma sar l-ebda progress biex tissaħħaħ is-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi. Huwa għalhekk rrakkomandat li s-Slovakkja *tintroduċi proposti biex tirregola l-lobbjar, issaħħaħ is-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi u s-sistema tal-verifika, u tkompli bl-isforzi kontinwi biex tirriforma r-regoli dwar il-kunflitti ta' interess.*
- Sar progress limitat fl-avvanz fl-istabbiliment ta' salvagwardji leġiżlattivi u oħrajn biex tittejjeb is-sigurtà fiżika u biex jittejjeb l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti, inkluża r-riforma tal-liġi dwar il-malafama. Għalhekk, huwa rrakkomandat li s-Slovakkja *tavvanza bil-proċess biex tistabbilixxi salvagwardji leġiżlattivi u oħrajn biex ittejjeb is-sigurtà fiżika u l-ambjent tax-xogħol tal-ġurnalisti, inkluża r-riforma tal-liġi dwar il-malafama, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti.*
- Ma sar l-ebda progress biex tiġi żgurata konsultazzjoni pubblika effettiva u biex jiġi żgurat l-involvement tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet, u dan iktompli jqajjem tħassib. Għalhekk, huwa rrakkomandat li s-Slovakkja *tiżgura proċess*

leġiżlattiv inklużiv u trasparenti, inkluż billi tiżgura konsultazzjoni pubblika effettiva u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet u billi tindirizza l-użu frekwenti tal-proċedura rapida.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Ma sar l-ebda progress fit-tisħiħ tar-regoli u fil-mekkaniżmi għar-restawr u s-salvagwardja ulterjuri tal-governanza indipendenti u tal-indipendenza editorjali tal-media tas-servizz pubbliku b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar il-media tas-servizz pubbliku. Minħabba li s-suġġetti ta' din ir-rakkomandazzjoni huma koperti mid-dispożizzjonijiet tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA), filwaqt li r-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt se jkompli jimmonitorja żviluppi sinifikanti u se jkompli jirrapporta dwar l-impatt tagħhom, se jiġi żgurat segwitu ulterjuri bħala parti mill-appoġġ tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u lill-infurzar tal-EMFA.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL FINLANDJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, filwaqt li jitqiesu żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Sar progress limitat fuq ir-rakkomandazzjoni relatata mal-ħatra ta' mħallfin onorarji, hekk kif il-grupp ta' ħidma dwar il-Garanziji tal-Istat tad-Dritt u l-Iżvilupp tas-Sistema Ġudizzjarja jkompli jeżamina l-kwistjoni u huwa mistenni li jippubblika memorandum tal-ħidma tiegħu sa tmiem l-2026. *Għalhekk huwa rrakkomandat li l-Finlandja tavvanza r-riforma tas-sistema ta' mħallfin onorarji, b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-indipendenza ġudizzjarja.*
- Peress li għad hemm lakuni fid-diġitalizzazzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji, huwa rrakkomandat li l-Finlandja *tieħu passi ulterjuri biex ittejjeb id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, inkluż billi ttejjeb id-disponibbiltà ta' għodod diġitali biex jinbdew u jiġu segwiti l-proċedimenti online.*
- Sar xi progress fit-tisħiħ tal-qafas tal-integrità u r-responsabbiltà applikabbli għall-Ministri u għal persuni oħra fdati b'karigi eżekuttivi għoljin, hekk kif ġew adottati regoli ta' wara l-impjieg għall-membri tal-Gvern u l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Korruzzjoni jipprevedu l-kompilazzjoni tal-linji gwida ewlenin kontra l-korruzzjoni u l-promozzjoni tal-integrità għall-Ministri f'dokument uniku ddedikat fl-2026. Peress li l-adozzjoni tal-kodiċi ta' kondotta għadha pendent, huwa rrakkomandat li l-Finlandja *ssahhaq il-qafas tal-integrità u tar-responsabbiltà applikabbli għall-Ministri u għal persuni fdati oħrajn b'karigi eżekuttivi għoljin billi tadotta kodiċi ta' kondotta għalihom.*
- Sar progress limitat fl-avvanz bir-riforma tal-Att dwar it-Trasparenza tal-Attivitajiet tal-Gvern, peress li qed jiġi kkummissjonati żewġ studji u huwa mistenni li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma biex iħejji proposta leġiżlattiva. Peress li r-riforma għadha taħt rieżami, huwa rrakkomandat li l-Finlandja *tavvanza bir-riforma tal-Att dwar it-Trasparenza tal-Attivitajiet tal-Gvern biex jiġi żgurat aċċess effettiv għad-dokumenti b'kont meħud tal-istandards Ewropej dwar l-aċċess għad-dokumenti uffiċjali.*

Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-2025, il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- Sar progress limitat fuq ir-rakkomandazzjoni biex titmexxa 'l quddiem ir-reviżjoni tar-reat kriminali tat-tixħim barrani, hekk kif ġie stabbilit grupp ta' ħidma biex jabbozza l-leġiżlazzjoni rilevanti fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE Kontra l-Korruzzjoni. Il-monitoraġġ ta' żviluppi ulterjuri f'dan il-qasam se jkompli fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦALL-IŻVEZJA

B'mod ġenerali, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt tal-2025, u meta tqis żviluppi oħra li seħħew fil-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni tikkonkludi dan li ġej:

- Ma sar l-ebda progress biex jiġi żgurat li s-sistema ta' nomina tal-imħallfin onorarji tissalvagwardja l-indipendenza tagħhom, peress li ma ġiet introdotta l-ebda miżura. Hekk kif dibattitu nazzjonali dwar ir-rwol tal-partiti politiċi fin-nomini u l-impatt tiegħu fuq l-indipendenza tal-imħallfin onorarji għadu għaddej, huwa rrakkomandat li l-Iżvezja *tieħu miżuri biex tissalvagwardja l-indipendenza tal-imħallfin onorarji fir-rigward tan-nomina u tal-funzjonament tagħhom, b'kont meħud tal-pożizzjonijiet Ewropej dwar l-indipendenza ġudizzjarja.*
- Sar xi progress fil-ġlieda kontra t-tixħim barrani, hekk kif l-abbozz ta' leġiżlazzjoni jintroduċi xi dispożizzjonijiet rilevanti. Peress li l-adozzjoni tagħha għadha pendent u l-prosekuzzjoni ta' dawn ir-reati ma tjebitx, huwa rrakkomandat li l-Iżvezja *ssaħħaħ il-ġlieda kontra t-tixħim barrani, inkluż billi ttejjeb l-infurzar.*
- Ma sar l-ebda progress biex jingħata segwitu lill-investigazzjoni dwar ir-regoli dwar ir-revolving doors. Peress li ma hemm l-ebda miżura ppjanata f'dan ir-rigward, huwa rrakkomandat li l-Iżvezja *tiżgura segwitu xieraq għall-evalwazzjoni tar-regoli dwar ir-revolving doors.*